**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 08 ta' Jannar, 2025**

**Rikors Guramentat Nru: 1167/2023 AF**

**Carmen Sacco**

**vs**

**Rita Galea**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti Carmen Sacco, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Il-kontendenti huma lkoll ahwa Catania, ulied id-defunti Alfred Catania u Maria Catania née Borg, li mietu nhar it-12 ta' Novembru 2021 u nhar id-9 ta' Lulju 2006 rispettivament, u dan kif indikat fic-certifikati tal-mewt li qed jigu hawn annessi u mmarkati bhala Dok. A u Dok. B.

Is-successjoni tal-imsemmija Maria Catania tinsab regolata skond it-testment unica carta li hi ghamlet nhar id-29 ta' Marzu 2006 in atti tan-Nutar Dr. Marco Farrugia, kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. C permezz ta' liema hi nnominat bhala eredi universali taghha lil zewgha Alfred Catania.

Alfred Catania wettaq id-dikjarazzjoni causa mortis dwar dak li wiret minghand martu permezz ta' att pubbliku maghmul in atti tan-Nutar Dr. Marco Farrugia datat il-11 ta' Settembru 2006, kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. D.

Sussegwentement, Alfred Catania miet nhar it-12 ta' Novembru 2021 u s-successjoni tieghu tinsab regolata permezz ta' zewg testmenti li saru in atti tan-Nutar Dr. Elizabeth Sciriha datati 3 ta' Mejju 2021 u t-22 ta' Gunju 2021, kopja ta' liema qed jigu hawn annessi u mmarkati bhala Dok. E u Dok. F rispettivament.

Permezz ta' dawn l-imsemmija zewg testmenti meta jinqraw flimkien, sostanzjalment Alfred Catania innomina u istitwixxa bhala werrieta universali tieghu fi kwoti indaqs bejniethom liz-zewg uliedu ossia r-rikorrenti u l-intimata.

Ir-rikorrenti wettqet id-dikjarazzjoni causa mortis ta' dak kollu li hi wirtet minghand missierha Alfred Catania permezz ta' att pubbliku in atti tan-Nutar Dr. George *sive* Jurgen Galea, nhar is-

26 ta' Lulju 2022, kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. G.

L-intimata wettqet id-dikjarazzjoni causa mortis ta' dak kollu li hi wirtet minghand missierha Alfred Catania permezz ta' att pubbliku in atti tan-Nutar Dr. Nicholas Vella nhar il-15 ta' Marzu 2022, kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. H.

Il-beni derivanti mill-wirt ta' Alfred Catania jinkludu:

a. Il-fond ossia terraced house, bin-numru ufficcjali 32, maghrufa bl-isem "Aussie House", fi Triq il-Papa Gwanni Pawlu I, Birkirkara bl-arja taghha, inkluz ukoll il-garaxx adjacenti li jifforma parti maghha li ghandu n-numru 34. L-art li fuqha jinsab mibni dan il-fond kienet giet akkwistata nhar is-16 ta' Marzu 1973 permezz tal-kuntratt in atti tan-Nutar Dr. Victor John Bisazza, kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. I.

b. L-appartament internament immarkat bin-numru 12, formanti parti minn blokka maghrufa bl-isem "19th March Court" bin-numru ufficcjali 208, li tinsab fi Triq it-Turisti, Bugibba, limiti ta' San Pawl il-Bahar. Dan l-appartament kien gie akkwistat nhar it-2 ta' Awwissu 1991 permezz ta' kuntratt li sar in atti tan-Nutar Dr. Joseph Henry Sciriha, kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. J.

c. Il-garaxx li jinsab fil-livell ta' semi-basement, minghajr numru ufficjali, li jifforma parti minn kumpless ta' garaxxijiet accessibbli minn entratura u drive-in komuni ufficjalment immarkata bin-numru 97 fi Triq J. Quintinus, San Pawl il-Bahar. Dan il-garaxx kien gie akkwistat nhar it-22 ta' Mejju 1995 permezz ta' kuntratt li sar in atti tan-Nutar Dr. Mario Bugeja, kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. K.

d. Il-qabar bin-numru 39, Divizjoni Lvant, Sezzjoni LA, Kompartiment 9, fic-cimiterju tal-Addolorata, Rahal Gdid.

e. Vettura tal-ghamla "Nissan March Hatchback", bin-numru tar-registrazzjoni HCC 594.

f. Ghamara u oggetti mobbli inkluz gojjelli, deheb u fidda li jinsabu gewwa l-fond 32, "Aussie House", Triq il-Papa Gwanni Pawlu I, Birkirkara.

g. Diversi flus li jinsabu depozitati f'bank lokali.

h. Investi finanzjarji.

Ir-rikorrenti tixtieq illi dawn l-assi ereditarji li gejjin mill-wirt ta' missierhom Alfred Catania jinqasmu ugwalment bejniethom skond il-ligi.

Kif ser jirrizulta waqt is-smiegh ta' din il-kawza, r-rikorrenti ghamlet diversi tentattivi amikevoli ma' ohtha l-intimata sabiex isir pjan ta' divizjoni u sussegwentement il-qasma, izda l-intimata naqset milli tikkopera u tkun ragjonevoli mar-rikorrenti sabiex din il-qasma issir b'mod gust bejniethom. Ir-rikorrenti interpellat ukoll lill-intimata anke permezz ta' ittra ufficcjali bin-numru 3857/2022 (Dok. L).

Minkejja d-diversi tentattivi tar-rikorrenti, l-intimata baqghet intransigenti u ma ressqitx ghall-qasma tal-beni mizmuma in komuni u ghalhekk ir-rikorrenti kienet kostretta tirrikorri ghall-azzjoni odjerna.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiffissa, tistabilixxi u tillikwida dawk l-assi kollha mobbli u mmobbli formanti l-eredità tal-mejjet Alfred Catania.

2. Tistabilli pjan ta' qasma bejn il-kontendenti f'din il-kawza billi tiddividi l-istess assi ereditarji kollha f'zewg porzjonijiet ta' valur indaqs u dan okkorendo bl-assistenza ta' periti teknici u/jew legali nominati minn din l-istess Qorti.

3. Tordna li ssir id-divizjoni bejn il-kontendenti tal-assi ereditarji kollha skond il-pjan ta' qasma fuq stabbilit billi

tassenja porzjon lir-rikorrenti u l-porzjon l-iehor lill-intimata.

4. Tordna u tikkundanna lill-intimata sabiex tersaq ghall-pubblikazzjoni tal-opportun att/i ta’ divizjoni tal-proprjetà immobbli fuq imsemmija.

5. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-opportun att/i ta’ divizjoni tal-proprjetà immobbli, tappunta data, hin u lok ghall-pubblikazzjoni tal-istess att/i u kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att/i ta’ divizjoni.

6. Tordna li kemm il-darba jinstab li l-assi ereditarji ma jistghux jigu maqsuma bla xkiel u bla hsara, u ma tistax issir tpattija b’beni ohra in komun ta’ xorta differenti izda tal-istess valur, il-beni komuni tal-kontendenti jigu mibjugha in licitazzjoni bl-ammissjoni ta’ oblaturi estranei sabiex ir-rikavat jinqasam bejn il-kontendenti fil-kwoti rispettivi.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimata inkluz dawk tal-ittra ufficcjali bin-numru 3857/2022, li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi mal-istess rikors.

Rat id-digriet tagħha tal-5 ta’ Frar 2024 permezz ta’ liema laqgħet it-talba tar-rikorrenti u awtorizzat in-notifika permezz tal-proċedura tal-pubblikazzjoni u l-affisjoni kif stabbilit ai termini tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimata Rita Galea li permezz tagħha ġie eċċepit illi:

Preliminarjament l-esponenti ma ghadx ghandha interess guridiku f’dawn il-proceduri, stante li iddonat is-sehem taghha mill-wirt *de quo* lil uliedha Luke, Clint u James ahwa Galea permezz ta’ kuntratt ta’ donazzjoni datat 8 ta’ Marzu 2024 (Dok. RG1) kif gie ddikjarat li kien se jsir fis-seduta tas-6 ta’ Marzu 2024.

Fil-mertu, l-esponenti qatt ma oggezzjonat li ssir il-qasma tal-wirt, izda ma kienx hemm qbil dwar il-valuri; kien iben l-attrici bi ftehim mal-attrici li ostakola l-process billi kkonvinca lid-decujus, inqas minn xahrejn qabel ma miet, sabiex jiffirma skrittura (Dok. RG2), razenti- n-nullità, sabiex jikrilu garaxx b'rata ta' kera mizera ghal zmien tlett snin sabiex jaghmel pussess fuq wiehed mit-tlett immobbli formanti parti mill-assi tad-decujus; sussegwentement, l-istess Ruben Sacco obbliga ruhu li jivvaka f'kaz ta' bejgh (Dok. RG3) imma ghadu jokkupa u jgawdi l-istess garaxx minghajr ma jhallas kera sal-lum.

L-esponenti u uliedha ma ghandhom ebda oggezzjoni li ssir il-qasma, b'dan illi tali qasma trid issir bejn l-attrici u l-ahwa Galea.

Kontestwalment ma' din ir-risposta, ulied l-esponenti, l-ahwa Galea msemmija qed jintavolaw ir-rikors opportun sabiex jassumu l-atti.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat illi fl-udjenza tal-24 t'April 2024 il-Qorti ħalliet il-kawża għat-trattazzjoni tat-talbiet tar-rikorrenti kif imressqa minnha dakinhar stess seduta stante u cioè illi r-risposta ġuramentata tal-intimata għandha tiġi sfilzata stante illi tardiva u li konsegwentement hija tiġi dikjarata kontumaċi.

Semgħet it-trattazzjoni verbali dwar it-talbiet tar-rikorrenti kif minnha mressqa fl-udjenza tal-24 t'April 2024.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza limitatament dwar l-isfilz tar-risposta ġuramentata u l-kontumaċja tal-intimata.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din hija sentenza in parte li tittratta esklussivament il-kwistjoni dwar jekk in-notifika tal-att promotur saritx ai termini tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta liema dispożizzjoni taqra hekk:

*"(3) Jekk mir-riferta tal-uffiċjal inkarigat minn notifika ta' skrittura jew att ġudizzjarju jinstab li l-persuna li għandha tiġi notifikata bl-iskrittura jew att, għalkemm ma tirriżultax li qegħda barra minn Malta, id-dħul fil-post tar-residenza tagħha ma jkunx jista' jsir, jew il-post tar-residenza tagħha ma jkunx magħruf, il-qorti tista' tordna illi n-notifika ssir billi titwaħħal kopja tal-att fil-post, fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwaħħlu l-atti uffiċjali, u billi dik l-iskrittura jew att jinħarġu fil-qosor fil-Gazzetta u f'ġurnal ta' kuljum wieħed jew iktar minn wieħed skont kif il-qorti tiddeċiedi u, meta jkun possibbli, jekk il-post tar-residenza jkun magħruf, billi titwaħħal kopja tal-iskrittura mal-bieb ta' dik ir-residenza. Il-qorti tista' wkoll tieħu dawk il-miżuri oħra li jkunu jidhrulha xierqa sabiex l-iskrittura jew l-att issir taf bihom il-persuna li lilha għandhom ikunu notifikati. F'dawk il-każijiet in-notifika għandha titqies li tkun saret fit-tielet jum tax-xogħol wara l-aħħar data meta tkun ġiet pubblikata jew minn meta tkun twaħħlet il-kopja, skont liema tiġi l-aktar tard. F'każijiet meta n-notifika tkun ġiet ordnata li ssir b'urġenza, in-notifika titqies li tkun saret f'dak iż-żmien speċifiku, wara t-twaħħil jew il-pubblikazzjoni skont kif il-qorti tista' tistabbilixxi, li jissemma fl-istess pubblikazzjoni jew twaħħil*."

Meta n-notifika ma ssirx skont il-proċedura ordinarja li hija kontemplata fis-sub-inċiż (1) tal-Artikolu 187, il-Qorti tista' tordna li ssir in-notifika skont kif jipprovdi t-tielet subinċiż tad-dispożizzjoni. Jingħad għalhekk illi l-Qorti tista' tordna n-notifika billi titwaħħal kopja tal-att relattiv mal-bieb tar-residenza tal-persuna notifikanda jekk kemm il-darba dan l-indirizz ikun magħruf, kif ukoll billi kopja tal-att titwaħħal ukoll fil-post, fil-belt jew fid-distrett fejn solitament jitwaħħlu l-atti uffiċjali. Il-liġi tesiġi wkoll li ssir il-pubblikazzjoni ta' estratt tal-istess att fil-Gazzetta tal-Gvern u f'ġurnal ta' kuljum.

Minn qari tad-dispożizzjoni jidher għalhekk illi tlieta huma l-elementi li jridu jiġu ppruvati għall-fini li jiġi sodisfatt il-vot tal-

liġi.  L-elementi, li huma kumulattivi u mhux alternattivi għal xulxin huma dawn:

i. Affissjoni u pubblikazzjoni
ii. Dekors ta’ tlett ijiem tax-xogħol bejn meta ssir l-aħħar pubblikazzjoni u meta jitqies li saret in-notifika
iii. L-att fil-qosor

Mill-atti tal-kawża in diżamina jirriżulta illi:

1. Fid-9 ta’ Frar 2024 il-Marixxall eżekutant waħħal kopja tal-att mal-bieb ta’ residenza tal-intimata u cioè “Oceanic”, Triq Jules Verne, Naxxar.  Fl-istess jum kopja tal-att relattiv twaħħlet ukoll fl-Għassa u fil-Kunsill Lokali tan-Naxxar – ara f’dan ir-rigward ir-riferta a tergo ta’ fol. 44.

2. Fil-5 ta’ Marzu 2024 ġie ppubblikat sunt tal-att fil-Gazzetta tal-Gvern kopja ta’ liema ġiet debitament esebita in atti senjatament a fol. 46 tal-proċess.

3. Fit-13 ta’ Marzu 2024, l-istess sunt li ġie ppublikat fil-Gazzetta tal-Gvern ġie wkoll ippubblikat fil-ħarġa tal-ġurnal ‘l-orizzont’.

Għalhekk jirriżulta li l-proċedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni ġiet segwita skont kif dettat mil-liġi.

Id-disposizzjoni tkompli tipprovdi illi fejn in-notifika ssir fit-termini tal-Artikolu 187(3), tali notifika titqies “*li tkun saret fit-tielet jum tax-xogħol wara l-aħħar data meta tkun ġiet ippubblikata jew minn meta tkun twaħħlet il-kopja skond liema tiġi l-aktar tard*.”

Isegwi minn dan illi la darba l-aħħar pubblikazzjoni saret fit-13 ta’ Marzu 2024, bl-applikazzjoni ta’ dak kontemplat fis-sub-inċiż (3) in-notifika qed tiġi meqjusa illi saret fit-18 ta’ Marzu 2024.

In termini ta’ żmien dan ifisser illi l-vot tal-liġi ġie sodisfatt.

Konteġġ sempliċi ta' 20 jum dekorribbli mit-18 ta' Marzu 2024 ifisser illi l-aħħar jum għall-preżentata tar-risposta ġuramentata kien it-8 ta' April 2024.

Ir-risposta tal-intimata ġiet ippreżentata fid-9 ta' April 2024 u cioè ġurnata wara li kien skada t-terminu. Biss, sabiex tiġi dikjarata kontumaċi, irid jiġi ppruvat illi ġew sodisfatt t-tlett elementi li jeżiġi s-subinċiż (3) tal-Artikolu 187 sabiex in-notifika tiġi kkunsidrata bħala valida.

Fir-risposta tagħha tat-30 t'April 2024 intavolata din bi tweġiba għat-talbiet tar-rikorrenti kif minnha mressqa seduta stante waqt l-udjenza tal-24 t'April 2024 fejn din essenzjalment talbet l-isfilz tar-risposta ġuramentata għaliex tardiva u dikjarazzjoni ta' kontumaċja fil-konfront tal-intimata, l-intimata ppremettiet illi "*tiddikjara li tagħti ruħha b'notifikata bl-atti tal-kawża*". Imbagħad eċċepiet illi:

> "*Illi fl-ewwel lok, l-esponenti tirrileva għal kull buon fini li meta hija ppreżentat ir-risposta ġuramentata tagħha, hija kienet għadha mhijiex edotta mill-fatt illi kienu dehru l-avviżi li jinsabu ippreżentati fl-atti; fil-fatt, l-esponenti l-avukat sottoskritt kienu vverifikaw sa lejliet u dakinhar filgħodu stess jekk kienx deher avviż fil-Gazzetta tal-Gvern, u l-internet search li għamlu ma tahomx riżultati, u għalhekk kienu mingħalihom li l-pubblikazzjoni kienet għadha ma seħħitx ...*"

Minn dan huwa evidenti illi sa dak inhar tad-9 t'April 2024 u cioè il-jum li fih l-intimata ppreżentat ir-risposta ġuramentata tagħha hija kienet għada taħt l-impressjoni li t-terminu għan-notifika kien għadu għaddej għaliex ma kienitx intebħet illi l-pubblikazzjoni kienet diġà saret. Jidher ukoll allura illi r-risposta ġuramentata tal-intimata kienet xprunata mill-att promotur li sabet imwaħħal mal-bieb tar-residenza tagħha.

Fl-istess risposta tat-30 t'April 2024 tgħid u tispeċifika illi l-aggravju tagħha huwa b'referenza għall-fatt illi s-sunt li deher fil-pubblikazzjonijiet ma jirrispettax il-vot tal-liġi billi ma kienx

jinkludi fih sunt tal-premessi u tat-talbiet prinċipali. Tgħid għallhekk illi tali nuqqas għandu jwassal ghan-nullità tan-notifika u li konsegwentement hija ma tiġix meqjusa bħala kontumaċi.

Mill-estratt tal-pubblikazzjoni li dehret fil-Gazetta tal-Gvern ta' nhar il-5 ta' Marzu 2024 jidher illi l-avviż relattiv kien jaqra hekk:

> "*B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-5 ta' Frar 2024, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 1167/2023 AF, li ġie ppreżentat fil-11 ta' Ottubru, 2023, fl-ismijiet: Sacco Carmen vs Galea Rita, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap 12, biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrenti talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tordna u tikkundanna lill-intimata sabiex tersaq għall-pubblikazzjoni tal-opportun att/i ta' diviżjoni tal-proprjeta' immobbli imsemmija. Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimata li minn issa hija nġunta għas-subizzjoni*."

Kopja identika ta' dan l-avviż dehret fil-gazzetta 'l-orizzont' fl-edizzjoni ta' nhar it-13 ta' Marzu 2024.

Ferm il-premess, jeħtieġ jiġi stabbilit jekk is-sunt kif rifless fl-avviż huwiex suffiċjenti sabiex jiġi sodisfatt il-vot tal-liġi. Trattandosi ta' materja teknika bħal ma hija l-kwistjoni dwar il-validità ta' notifika, il-Qorti trid issegwi skrupolożament dak illi tgħid il-liġi tal-proċedura anki għaliex il-liġi ta' proċedura li hija min-natura tagħha ta' natura pubblika, jeħtieġ illi tiġi osservata *ad letteram*. Id-disposizzjoni in eżami hija ntiża sabiex toffri sikurezza proċesswali b'tant illi l-osservanza skrupoluża tal-proċedura dettata tassigura illi d-drittijiet fundamentali tal-persuna li trid tiġi notifikata, partikolarment il-prinċipju ta' ġustizzja naturali *audi alteram partem*, jiġu mħarsa[1].

---

[1] Ara: **Maurice Cefai et vs Doris Fenech**, Qorti tal-Appell (Inferjuri) Bordijiet, 22 ta' Novembru 2002; **Frangisku Tonna et vs Martin Zerafa**, Qorti tal-Appell (Inferjuri), 23 ta' Jannar 2004

Il-Qorti ħasbet fit-tul dwar dan il-punt u tqis illi m'hemmx dubju illi dan l-avviż jirrażenta r-redikolu għaliex qiegħed jagħti l-impressjoni li l-kwistjoni bejn il-partijiet hija magħluqa u jonqos biss illi l-intimata taddivjeni għall-pubblikazzjoni tal-att finali ta' diviżjoni. Mhuwiex l-att fil-qosor li trid il-ligi. Ma jirriżulta lanqas imqar aċċenn għall-fatt li essenzjalment fir-rikors promotur ir-rikorrenti qegħda titlob l-ewwel u qabel kollox illi tiġi stabbilita l-massa erditarja u li fit-tieni lok jitħejja pjan ta' qasma. Huwa minnu li jista' jiġi argumentat illi l-avviż jindika li t-talba kontenuta fl-avviż hija waħda fost oħrajn biss ċertament illi dan is-sunt ma jirrispekkjax il-ġist tal-azzjoni ntavolata mir-rikorrenti.

Għad illi l-liġi tgħid illi l-avviż għandu jirrifletti l-att fil-"*qosor*" u cioè jagħti sunt tar-rikors promotur, il-liġi tonqos milli tispeċifika x'għandu jkun fih is-sunt għall-validità tan-notifika. Il-Qorti tifhem illi l-użu tal-kelma '*fil-qosor*' hija ntiża sabiex turi li m'hemmx għalfejn illi l-avviż ikunu jirrifletti kelma b'kelma l-kontenut tar-rikors promotur anki għaliex il-ħsieb wara l-avviż huwa biss biex il-parti notifikanda tiġi nfurmata bil-proċeduri fil-konfront tagħha u tiġi stigata tieħu azzjoni sabiex tikkawtela d-drittijiet tagħha. Żgur għalhekk illi mhuwiex l-iskop tal-avviż illi dan jintuża sabiex abbażi tiegħu tiġi mħejjija risposta għall-azzjoni. Finalment, huwa fir-responsabilità tal-persuna notifikanda li takkwista kopja tar-rikors promotur shih inkluż ukoll id-dokumentazzjoni li talvolta tkun annessa biex b'hekk tiddefendi ruħha adegwatament. Li kieku l-leġislatur ried li r-rikors promotur jiġi riprodott *verbatim* fl-avviż, żgur illi ma kienx juża l-kelma 'fil-qosor' li timplika taqsira jew sunt.

L-avviż fil-qosor għandu jinkludi fih ġabra fil-qosor tal-punti saljenti u allura tal-ġist tal-kwistjoni kif ukoll sinteżi tat-talbiet.

Kompitu bħal dan ċertament ma jistax jiġi żvolt minn kull impjegat tal-Qorti imma jrid jiġi afdat lil persuna li għandha preparazzjoni legali adegwata biex almenu tkun f'pożizzjoni li tifhem in-natura tal-kwistjoni u l-punti li r-rikorrenti qiegħed jitlob li jiġu mistħarrġa mill-Qorti. Fuq kollox tali persuna għandha tkun kapaċi tifhem liema huma t-talbiet kruċjali li għandhom ikunu sintetizzati fl-avviż. Żgur illi min kien inkarigat

iħejji l-avviż in diżamina ma fehemx dan kollu. Dan huwa evidenti mhux biss mill-fatt li ma tax sunt tal-mertu tat-kwistjoni iżda wkoll għaliex minn lista ta' sitt talbiet għażel li jindika biss l-aħħar talba. Għad illi din ċertament fiha r-rilevanza tagħha, jibqa' l-fatt illi din hija biss talba konsegwenzjali li tiddependi ntrinsikament fuq l-ewwel żewġ talbiet.

Issa, huwa minnu li fil-każ ta' llum l-intimata kienet taf tajjeb x'kien il-kontenut tar-rikors promotur billi kif tirrikonoxxi u tammetti hija stess tat ruħha b'notifika bl-atti qabel biss kienet taf li l-avviż ġie pubblikat. Żgur għalhekk illi ma jistax jingħad illi l-avviż żgwidaha jew xekkilha fid-difiża tagħha. Madanakollu, l-punt jibqa dak illi l-proċedura dettata mill-Artikolu 187(3) ma ġietx osservata skrupolożament bil-konsegwenza li tali nuqqas iġib miegħu konsegwenzi serji għal kull ma jkun seħħ bi ksur ta' dik id-disposizzjoni. Għalhekk, la darba jirriżulta ppruvat illi s-sunt li ngħata fl-avviż mhuwiex adegwat, ma jistax jingħad illi l-proċedura tal-pubblikazzjoni saret kif teħtieġ il-liġi.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi dwar it-talbiet tar-rikorrenti kif imressqa waqt l-udjenza tal-24 t'April 2024 billi tiċħadhom.

Il-Qorti tordna l-prosegwiment tal-kawża.

Tordna notifika ta' din is-sentenza *in parte*, lir-Registratur Qrati Ċivili u Tribunali.

L-ispejjeż riżervati għall-ġudizzju finali.

IMHALLEF

DEP/REG